Minuti tal-Laqgħa Nru. 43 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru 2018 fl-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Eric Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Skużat | Is-Sur Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tender Water Culverts Triq il-Karmnu
5. Attivita tal-Kunsill
6. Resume tas-Sena
7. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Il-minuti kienu proposti mill-Kunsillier Eric Camilleri u sekondati mill-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq punt 3.1 tal-minuti preċedenti rigward il-bozoz li kien hemm maqtugħa ta’ Sant’ Andrija. Is-Segretarju qal li huwa kien diġà bagħat lil ħaddiema ibiddlu l-bozoz u baqgħet l-istess problema. Huwa qal li kien se jkellem l-electrician.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana qal li jridu jinżebgħu ż-żebra crosses li hawn madwar Ħal Luqa għax huma faded. Huwa qal li hemm fi Triq il-Ġdida maġenb il-flats u oħrajn.

3.2 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn issir bollard fejn hemm l-ispiżjara ta’ Triq Dun Pawl u anki fuq bollard oħra fi Triq il-Ġdida.

3.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li fi Triq il-Mitjar qed ikun hemm ħafna karozzi tal-kiri ipparkjati hemm. Huwa qal li kien sar rapport ma Transport Malta u meta dawn kienu marru kienu qallu li sabu karozza waħda biss.

3.4 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn li jintbagħatu l-ħaddiema sabiex inaddfu ċ-Ċimiterju ta’ San Tumas.

3.5 Il-Kunsilliera Massa reġgħet saqsiet fuq it-tabelli li kellhom isiru fejn is-sorijiet minħabba l-Iskola. Is-Segretarju qal li huwa kien mar mal-kuntrattur tat-tabelli biex jara eżatt x’ tip ta’ tabella kien hemm bżonn.

3.6 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq il-każ tal-Monti minħabba Hugh Seychell peress li kienu qed jipparkjawlu quddiem il-garaxx meta jarma l-Monti. Is-Sindku qal li fuq tal-Monti kienet ser issir White Paper u qallu li għandna nistennew fuq l-eżitu tagħha. Huwa qal li l-Monti kien ippjantat fuq site plan meta kien għadu Segretarju Eżekuttiv, s-Sur. Michael Borg u b’ dan kienu infurmati t-Trade.

## 4.0 TENDER WATER CULVERTS, TRIQ IL-KARMNU

4.1 Is-Sindku qal li fuq dan it-tender Infrastruttura Malta kienet wiegħdet li se tirrifondi l-flus lura lill-Kunsill Lokali tax-xogħolijiet. Huwa qal li diġà kien inħareġ tender imma ma kienx hemm offerenti u għalhekk it-tender kellu jerġa jinħareġ fuq is-sistema. Huwa qal li dan it-tender bħala sejħa se jagħlaq fil-11 ta' Jannar.

## 5.0 ATTIVITA TAL-KUNSILL

5.1 Is-Sindku qal li kien ser issir party għat tfal tal-Milied. Is-Segretarju qal li kien instab animator apposta għall dan il-party mat-tfal. Is-Sindku qal li rridu nmexxu l-ħin tal-Party peress li kien se jkun hemm Quddiesa qabel.

5.2 Is-Sindku qal li ser issir l-ikla tal-Milied tal-Kunsilliera kif kienet ippjanata.

## 6.0 RESUME TAS-SENA

6.1 Is-Sindku ta briefing fuq il-ħidma li saret mill-Kunsill Lokali. Fosthom is-Sindku semma l-applikazzjonijiet li saru għall fondi tal-Unjoni Ewropeja u biex isiru proġetti kapitali. Huwa semma ukoll fuq il-laqgħa li kellu ma' Infrastruttura Malta fejn tkellem fuq il-bżonn tal-water culverts għall Wied il-Knejjes u anki l-bus shelters.

6.2 Fuq l-amminstrazzjoni s-Sindku semma li kienu se jinħarġu numru ta' tenders peress li dawn kienu waslu biex jiskadu.

6.3 Fuq l-aspett kulturali s-Sindku semma li l-Kunsill Lokali kellu l-ġemellaġ ma Gallodoro u li f' Mejju reġgħet saret l-attivita biex nikkomemoraw Jum Ħal Luqa. F' Settembru saret ukoll għall darb' oħra l-ġita għall Sqallija.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq ħlasijiet.

**8.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru 2018 fis-6.45 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss

Konfermati llum ________________________2019.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |